MELLIEĦA

MINUTI

# KUNSILL LOKALI MELLIEĦA

## IS-SITT KUNSILL

SEDUTA NRU. 70

28 ta' Mejju 2012

Minuti tas-Seduta Nru. 70 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 8 ta' Mejju 2012.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.6.2. **(Ref: P/10/5)** tas-seduta preċedenti u ppropona li din tinqara kif ġej:

*"4.6.1. Is-Sur R. Cutajar irrefera għal e-mail datat 10 ta' April 2012 fejn tħabbar li fit-18 ta' Mejju 2012 kellha ssir il-laqgħa ġenerali tal-fondazzjoni. Huwa spjega li fost ix-xogħol trattat f'din il-laqgħa kien hemm il-ħatra jew konferma ta' membri li jirrappreżentaw il-Kunsilli Lokali. Huwa spjega li 49% tal-membri jirrappreżentaw lill-kunsilli lokali, filwaqt li 51% ġejjin mill-qasam tas-self-employed u organizzazzjonijiet mhux governattivi. Skont l-istatut, żewġ rappreżentanti mill-kunsilli lokali jridu jżommu posthom, bil-għan li jkun hemm kontinwazzjoni fil-ħidma tal-fondazzjoni. Din is-sena kien imiss li r-rappreżentanti tal-Kunsilli Lokali tal-Imġarr u Ħal Lija li jżommu posthom mill-erba' riżervati għall-Kunsilli Lokali. Is-Sindku Robert Cutajar kien ser jikkontesta għal wieħed minn dawn il-postijiet f'isem il-Mellieħa.".*

1.2. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 69, bl-emenda t'hawn fuq, kif wkoll li l-istess minuti jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.gov.mt.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Proġett ta' tisbiħ f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (P/4/20/Vol III)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li x-xogħol fuq il-ġiebja li ser tieħu l-ilma tal-*water feature,* kif ukoll il-*plant room* kien wasal fi stadju avvanzat, filwaqt li s-*service culvert* kien inbena u lest sabiex jitqiegħed il-*cable* tal-Enemalta u l-conduit tal-Melita Cable. Kompla jgħid ukoll li biswit is-service culvert tqiegħed id-*duct* għal *cable* ta' GO plc, filwaqt li saru komunikazzjonijiet ġodda tal-ilma mal-bini affettwat.

2.1.3. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li saru laqgħat separati mal-inkwilini fil-bini proprjeta` tal-Knisja bil-għan li tingħata spjegazzjoni ċara tal-proġett kollu, partikularment l-intenzjoni tal-Kunsill illi jinbidlu l-aperturi kollha tal-metal biex isiru tal-injam. Dawn kollha aċċettaw bl-eċċezzjoni ta' wieħed biss. Huwa qal ukoll, li jeżistu oħra li jistgħu , peress li jinsabu fi stat tajjeb.

2.1.4. Fl-istess kuntatti li kien hemm issemmiet il-possibilta` li l-ġabbana, attwalment mikrija lill-operaturi tal-Commando Bar, tintuża bħala uffiċċju informazzjoni għat-turisti, u b'hekk tiġi eliminata l-ħtieġa li tinbena struttura oħra għal dan il-għan fil-misraħ.

2.1.5. Il-Kunsillier C. Bartolo staqsa dwar jekk il-Kunsill kienx korrett li jiffinanzja l-bdil tal-aperturi f'bini li mhux proprjeta` pubblika. Is-Sindku wieġeb li l-*bill of quantities* dettaljat ġie sottomess mat-talba li saret lis-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Gvern Lokali sabiex jinkiseb il-finanzjament meħtieġ. Dan jirriżulta minn konferma bil-miktub mill-Onor Chris Said, permezz ta' ittra datata 20 ta' Diċembru 2011.

2.1.6. Saret referenza għal *e-mail* datat 28 ta' Mejju 2012, mibgħut mill-Għaqda Residenti ta' Santa Marija Estate, fejn offrew ħames sigriet żgħar tal-Anżalor (*Crataegus*) sabiex jitħawwlu f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa.

2.1.7. Filwaqt li l-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għall-ispeċi ta' siġar imsemmija, kien tal-fehma li siġar li jkunu tad-daqs indikat huma iktar vulnerabbli għall-vandaliżmu.

## 2.2.1. Proġett tal-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ (P/10/3/Vol III)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.4.1. tas-seduta preċedenti u qal li x-xogħol fuq l-irżieżet li jiffurmaw parti mill-*heritage trail*, tkompla u qed jiġi segwit mill-ispetturi tal-MEPA. F'dan il-proċess instab kanal magħmul minn konkos, li skont l-istess spetturi dan irid jitgħatta permezz ta' pavimentar. Il-Kunsill ġie mgħarraf li waqt it-tneħħija tas-siġar invażivi tal-bajtar tax-xewk, instabet girna u qabar antik.

2.2.3. Il-Kunsillier H. Fenech ġibed l-attenzjoni li hekk kif jintemm ix-xogħol tar-restawr fuq il-bini l-binjiet għandhom jingħalqu bl-aperturi, peress li attwalment huma esposti għall-abbuż u l-vandaliżmu.

2.2.4. Is-Segretarju għarraf li l-kuntrattaur Salamanda Ltd issottometta talba għall-ħlas akkont €45,784 li ġie ċċertifikat mill-*Contract Manager*. Id-dokumentazzjoni relattiva ġie mgħoddija lill-Aġenzija tal-Pagament, flimkien mad-dritt li jrid jitħallas lill-*Contract Manager* li ammonta għal €1,304.84. L-istess ħlasijiet kienu relatati mal-Kuntratt SHT 3/313 li jinvolvi (a) Pavimentar, Indikazzjoni tal-*Heritage Trail* u Interventi Oħra; u (b) Twaħħil ta' Tabelli u Xogħlijiet Relatati.

2.2.5. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li jeħtieġ li ssir sejħa oħra dwar ir-riċerta, konsultazzjoni u l-pjan tat-tmexxija tal-*heritage trail* sabiex iservi ta' linja gwida għall-Fondazzjoni Arkeo aktar 'il quddiem. Is-Segretarju qal li l-Aġenzija tal-Pagamenti qed tisiġi li l-kuntatti kollha jkunu ngħataw sal-31 ta' Lulju 2012. Il-*Contract Manager* kellu jħejji d-dokument tal-offerta meħtieġ. Servizzi oħra bħalma huma s-sit elettroniku u l-pubbliċita` jistgħu jingħataw permezz ta' *direct orders*, minħabba li l-allokazzjoni għalihom tammonta għal €767 u €590, rispettivament.

2.2.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, kif ukoll il-pagamenti mitluba

## 2.3.1. Arranġamenti tat-traffiku temporanji waqt ir-rikostruzzjoni ta' Dawret il-Mellieħa (T/3/3/Vol IV)(T/5/1/Vol II)

2.3.2. Is-Sur R. Cutajar aċċenna li minn isegwi x-xandir u l-gazzetti jaf li b'deċiżjoni li ttieħdet mill-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, li permezz tagħha, b'effett mit-18 ta' Mejju 2012, Triq Ġorġ Borg Olivier reġgħet inġiebet *two-way* għall-karozzi tal-linja u vetturi ħfief biss li jkunu serjin 'il barra mill-Mellieħa. L-arraġament il-ġdid jipprovdi wkoll li vetturi kbar jgħaddu minn Tal-Prajjet. Biex jitħaddem dan l-arranġament qed isir użu minn żewġ Uffiċjali tal-Infurżar ta' Transport Malta, fiż-żewġt itruf ta' Triq Ġorġ Borg Olivier, filwaqt li l-Kumitat Reġjonali qed jipprovdi servizz ta' seba' siegħat bil-Gwardjani Lokali fl-istess triq. Twaħħlu wkoll tabelli fi Dawret it-Tunnara, Triq it-Trill u Triq l-Għajn tal-Mellieħa kantuniera ma' Triq il-Marfa, li jindikaw illi vetturi kummerċjali ta' kull tip huma pprojbiti milli jduru 'l fuq, fid-direzzjoni lejn iċ-ċentru tal-Mellieħa.

2.3.3. Is-Sindku stqarr li dan l-arranġament daħal fis-seħħ wara li huwa kellu laqgħa ta' konsultazzjoni mal-Ministru Austin Gatt, liema laqgħa kienet kordjali ħafna. Minkejja dan, l-istess Ministru kkummenta ma' l-istampa li huwa ma kienx konxju tal-arranġamenti oriġinali, kif ukoll illi miżura li tingħalaq Triq il-Marfa mill-kantuniera ma' Dawret il-Mellieħa, kienet waħda deskriminatorja għal dawk li ma għandhomx konnessjoni mal-Mellieħa. Is-Sur R. Cutajar irrimarka li kellu ċertu riżervi fid-dawl tas-sagrifiċċji li qed jagħmlu r-

residenti ta' Triq is-Santwarju u Triq Ġnien Ingraw in partikulari, u kien għalhekk li sejjaħ konferenza stampa f'Dawret il-Mellieħa nhar fit-22 ta' Mejju 2012 biex jispjega l-fatti kif ġraw. Sfortunata anke Transport Malta naqqset milli twieġeb għall-kritika li kient għaddejja fil-konfront tas-Sindku u l-Kunsill Lokali. Is-Sur R. Cutajar tenna illi kull deċiżjoni li ttieħdet dejjem kienet b'konsultazzjoni mal-Kunsill, il-General Retailers and Traders Association u l-Malta Hotels and Restaurants Association u Transport Malta

2.3.4. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti, kif ukoll għal ilmenti li saru mis-Sinjorina Samantha Debono, permezz ta' *e-mail* datat 28 ta' Mejju 2012, fejn ilmentat li n-nuqqas ta' sorveljanza tat-traffiku fi Triq il-Marfa kantuniera ma' Dawret il-Mellieħa kien qed jikkawża konġestjoni fiż-żona ta' Ġnien Ingraw. Is-Sur Cutajar qal li huwa għamel pressjoni fuq Transport Malta dwar dan u ġie mitlub sabiex jikkuntattja lill-Kap Eżekuttiv tal-istess awtorita`.

2.3.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li l-preżenza tal-Perit Ivan Bartolo minn Transport Malta, kienet barra minn lokha, partikularment meta dan avviċina lis-Sindku u l-Kunsillieri li kien hemm preżenti, inkluż lilu, biex jgħarrafhom bil-kelma li fil-15 ta' Ġunju 2012 kienet ser tinfetaħ karreġġjata waħda f'Dawret il-Mellieħa. Huwa qal li dan it-tagħrif għandu jingħata b'mod uffiċjali bil-kitba.

2.3.6. Il-Kunsill qabel mal-proposta mressqa fil-minuta 2.3.5 aktar 'il fuq.

### 2.4.1. Arranġamenti tat-Traffiku fi Triq Vincenzo Ciappara (T/3/2/Vol X)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti u qal l-Kap tal-Iskola Primarja għamlet rappreżentazzjonijiet ma' Transport Malta dwar il-proposta li tiġi ntrodotta *pedestrian crossing* fi Triq Vincenzo Ciappara. L-awtorita` tat parir sabiex il-materja tiġi trattata bl-involviment tal-Kunsill Lokali. Is-Sur R. Cutajar tenna li mhux ġust li t-tfal qed jiġu mċaħħda milli jużaw il-faċilitajiet li kienu ġew iffinanzjati mill-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada, li użu tagħhom huwa regolat skont ftehim milħuq bejn l-istess fondazzjoni, l-Mellieħa Sports Club u l-Iskola Primarja tal-Mellieħa.

2.4.3. Is-Segretarju għarraf li kopja tal-korrispondenza li kien , bejn il-Kunsill u Transport Malta, ġiet mgħoddija lill-Kap tal-Iskola. Huwa qal li l-*Contracts Manager* intalab jagħmel pjanta li turi fejn għandhom isiru *rumble strips* fi Triq Qasam Barrani sabiex tiġi sottomessa lill-Transport Malta.

2.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.5.1. Servizzi Soċjali mogħtija mill-Uffiċċji tal-Kunsilli Lokali (K/1/3/Vol II)

2.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.6.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li fit-tliet okkażjonijiet li uffiċjali mid-Dipartiment tas-Sigurta` attendew fl-uffiċċju tal-Kunsill, kien hemm medja ta' għaxar persuni kull darba li approfittaw ruħhom minn din il-faċilita` li qed tingħata kull nhar ta' Ġimgħa.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.6.1. Titjib fil-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ (P/4/14)

2.6.2. Is-Sur R. Cutajar irrefera għall-minuta 2.7.1. tas-seduta preċedenti u qal li x-xogħol fuq dan il-proġett beda bir-restawr tal-ħajt taċ-ċimiterju.

2.6.3. Il-Kunsillier C. Bartolo staqsa jekk sarux kuntatti mal-operatur tal-bar li hemm fuq in-naħa ta' wara tal-*playing field* sabiex jitneħħew it-tubi tan-neon li jidhru mill-Għadira, kif ukoll id-*dish antenna* u l-katusi li hemm mal-istess binja. Is-Sindku wieġeb li dawn il-fatturi diġa ġew trattati ma' sid-il bar.

2.6.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf li sar kuntatt bit-telefon mas-Sur Anthony Bonello – il-President tal-*Malta Playing Fields Association* – fejn dan għarraf li l-bandli kollha li oriġinarjament saru mill-istess assoċjazzjoni, kienu waqgħu fir-responsabilita` tal-Kunsilli Lokali. Għadaqstant mhux ser joġġezzjonaw li l-bandli l-qodma jingħataw lill-Marsa Racing Club.

2.6.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.7.1. Introduzzjoni ta' dwal fi Triq ir-Ramla tal-Bir (E/1/3/Vol VI)**

**2.7.2.** Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.8.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li t-Taqsima tal-Ambjent fi ħdan il-MEPA talbu laqgħa miegħu sabiex jingħataw dettalji dwal it-tip ta' dwal li qed jiġu proposti.

**2.7.3.** Il-Kunsill innota dan l-iżvilipp.

**2.8.1. Tibdil f'rotot tal-karozzi tal-linja fis-seħħ u introduzzjoni ta' oħrajn ġodda (T/5/1/Vol II)**

2.8.2. Saret referenza għall-minuta 2.9.1. tas-seduta preċedenti, sabiex il-Kunsill jiġi mgħarraf li r-rotta 37 ser tibdel in-numru 232, filwaqt li issa ser tkun tkopri l-Belt Valletta, l-Isptar Mater Dei, l-MCAST Mosta, Santa Margerita, Tarġa Gap, ix- Xemxija, il-Mellieħa, l-Għadira u l-Armier. Is-Sindku kkummenta li ma jagħmilx sens illi min jirkeb minn Triq Ġorġ Borg Olivier għall-Isptar, jew xi post ieħor barra mill-Mellieħa, jkollu jmur l-Armier. L-unika alternattiva biex jiġi evitat dan, hija li wieħed jirkeb minn Triq Qasam Barrani. Huwa kompla jgħid li kellu kuntatti ma' Transport Malta sabiex ir-rotta 37 titla' u tinżel minn Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq il-Kbira. Din il-proposta ġiet milqugħa.

2.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.9.1. Estensjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv (K/1/2/Vol V)**

2.9.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.11.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li wara illi nħareġ il-permess tal-MEPA, kif ukoll il-Ministru tal-Intern u Affarijiet Parlamentari ta l-kunsens tiegħu biex jinxtara l-fond fi Triq il-Madonna Ta' Fatima, jonqos biss dokumentazzjoni oħra li jeħtieġ tiġi rilaxxjata mill-Registru tal-Artijiet. Minħabba din ir-raġuni, l-iffirmar ġie pospost għal data oħra li l-Kunsilliera ser jiġu notifikati dwarha aktar 'il quddiem.

2.9.3. Il-Kunsill innota l-progress li sar fuq din il-materja.

**2.10.1. Andament ta' Animal Fest 2012 (A/5/3/Vol X)**

2.10.2. Il-Kunsillier H. Fenech rrefera għall-minuta 7.1. tas-seduta preċedenti u aċċenna għall-fatt li kien hemm konkorrenza tajba mill-pubbliku għall-attivita ta' nhar il-Ħadd 27 ta' Mejju 2012. Huwa qal li sas-seduta li jmiss ikun jista' jingħata rendikont tal-ispejjeż li kien hemm.

2.10.3. Is-Sindku aċċenna għall-fatt li l-ispejjeż inżammu baxxi billi kien hemm ċerti affarijiet li kienu mislufa, bħal fil-każ tat-tined tad-Dipartiment tal-Agrikoltura u l-barrikati tat-Taqsima tax-Xogħlijiet.

**2.11.1. Programm tal-UE *Youth in Action* – Proġett *Young@Heart* (P/10/15)**

2.11.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għal minuta 9.1. u għarraf li l-proġett imsemmi ntemm b'suċċess bil-parteċipazzjoni ta' 21 żgħażagħ mill-Latvia u r-Rumania, flimkien ma' 14 oħra mill-Mellieħa. L-attivitajiet kienu jittrattaw temi bħalma huma:

- Il-miri tal-Unjoni Ewropea sa' l-2020;
- Tnaqqis fl-impjiegi fil-pajjiżi tal-Unjoni;
- Il-kultura;
- L-Istorja tal-Ewropa;
- Popolazzjoni li dejjem qed tixjieħ; u
- L-integrazzjoni u s-solidarjeta` permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni

2.11.3. Kien hemm ukoll żjara fid-dar tal-anzjani Dar il-Madonna tal-Mellieħa. Il-proġett ġie fi tmiemu fl-24 ta' Mejju 2012, b'attivita` u bibita` fejn ingħatat ħarsa lejn is-suġġetti kollha li ġew trattati, illi għaliha kienu mistiedna jattendu l-kunsillieri.

2.11.4. Is-Sindku qal li l-ikliet għall-istudenti kienu jinvolvu ħmistax-il stabbiliment differenti fil-Mellieħa, filwaqt li ż-żgħażagħ kienu alloġġjati fil-Luna Holiday Complex. Is-Sur R. Cutajar qal li apparti ż-żgħażagħ, iggwadanjat minnu l-komunita` kummerċjali. Huwa faħħar ukoll

l-inpenn tal-Kunsillier H. Fenech, kif ukoll ta' diversi żgħażagħ Melleħin li taw il-kontribut tagħhom għas-suċċess ta' dan il-proġett.

2.11.5. Il-Kunsillier H. Fenech qal li fi żmien xaħrejn jeħtieġ li jiġi sottomess ir-rapport finali lill- l-Aġenzija Programmi tal-Unjoni Ewropea sabiex ikunu jistgħu jiġu rkuprati l-ispejjeż li saru. Huwa fakkar ukoll li kienet saret talba mal-Ministeru responsabbli mill-Kunsilli Lokali taħt l-iskema tal-Kofinanzjament.

2.11.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.12.1. Arranġamenti permanent tat-traffiku fil-Mellieħa (T/3/3/Vol IV)(T/5/1/Vol II)

2.12.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 11.3. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-ittra ta' tweġiba għar-rapport li sar minn Transport Malta kienet intbagħtet lill-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni.

2.12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 23/05/12;
- Skeda ta' Pagamenti – 03/05/12 – 23/05/12;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 05/04/12 – 08/05/12
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Rapport Finanzjarju – Jannar / Marzu 2012;
- Minuti – *Tender Adjudication Board* – 12/05/12

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Estensjoni ta' *Industrial All Risks Insurance Policy* (K/1/4/Vol V)

4.1.2. Is-Segretarju aċċenna li fil-*management letter* għas-sena finanzjarja 2011, l-udituri kkummentaw li l-Kunsill mhux qed jipprovdi kopertura fuq proprjeta` li tinsab fil-beraħ. Wara konsultazzjoni mal-istess udituri, inġabret lista ta' proġetti li wettaq il-Kunsill matul is-snin, liema lista tinvolvi spiża totali ta' €1,815,238, magħmula mill-assi elenkati hawn taħt:

| Proġett | Valur |
|---|---|
| Triq l-Erwieħ Playing Field | €4,673.78 |
| Ġnien l-Għoljiet | €117,361.10 |
| Ġnejnet l-Emigranti Melleħin | €109,397.20 |
| Tas-Salib Playing Field | €53,042.23 |
| Tal-Ibrag Afforestation Project | €127,162.54 |
| Selmun Belvedere | €14,267.27 |
| Qasam Barrani Landscaping | €15,021.66 |
| Triq l-Assedju l-Kbir Belvedere | €3,912.70 |
| Ġnien tal-Pellegrini | €34,385.26 |
| Ġnien il-Kenn Soċjali | €141,825.67 |
| Ġnien iż-Żerniq - Manikata | €190,992.54 |
| Misraħ il-Parroċċa (Mellieħa) Project | €163,086.26 |
| Ġnien Ħidmet il-Volontarjat (Mejju 2012) | €234,225.56 |
| Park tal-Familja f'Tal-Ibrag (Mejju 2012) | €363,823.82 |
| Triq Qasam Barrani Soft Area-R/about Emb (Mejju 2012) | €141,042.84 |
| Triq l-Erwieh Floodlighting Project (Mejju 2012) | €46,018.03 |
| Titjib fil-Qasam ta' Pennellu Improvements (Mejju 2012) | €55,000.00 |
| | €1,815,238.46 |

4.1.3. Ġie mfakkar li l-Kunsill diġa ottjena *Industrial All Risks Policy* u din l-estensjoni ma tistax tinxtara separata, mingħand xi kumpanija tal-assikurazzjoni oħra. Dan jirriżulta minn *e-mail* datat 17 ta' Mejju 2012 mibgħut minn Mediterranean Insurance Brokers Ltd. Il-*premium* relattiv għal sena, maħdum fuq is-somma ta' €1,815,238, jammonta għal €3,247.78. Ġie spjegat li dan jiddependi fuq il-valur tal-assi li jiġu koperti u ż-żmien li fadal sakemm tiskadi l-polza kurrenti.

4.1.4. Il-Kunsill kien tal-fehma illi ċerti assi ndikati fil-lista mal-minuta 4.1.2. aktar 'il fuq, mhumiex daqshekk vulnerabbli minħabba n-natura tagħhom, fis-sens li ma jistgħux jiġu vandalizzati jew li ssirilhom ħsara ta' xorta oħra,. It-titjib li sar f'Misraħ il-Parroċċa (Mellieħa), il-Belvedere ta' Triq l-Assedju l-Kbir, u l-*Floodlighting* ta' Triq l-Erwieħ issemmew bħala eżempji.

4.1.5. Filwaqt li l-Kunsill approva l-estensjoni taż-żewġ poloż imsemmija, skont il-lista riveduta, kien hemm qbil li għandha titkompla l-konsultazzjoni mal-udituri dwar il-*procurement* tal-estensjoni in kwistjoni.

### 4.2.1. Introduzzjoni ta' *bus shelter* u bankina fi Triq il-Kbira (B/6/Vol IV)

4.2.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 24 ta' Mejju 2012, mibgħuta mill-MEPA dwar applikazzjoni PA 4044/10, fejn Transport Malta qed jipproponu li jsir *bus shelter*, bankina u *pedestrian crossing* fi Triq il-Kbira, kantuniera ma' Triq Tas-Salib (faċċata ta' Triq Snajjin).

4.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li dan l-arranġament ser joħloq problema f'dak li huwa tnaqqis ta' parkeġġ, kif ukoll ser jagħmilha aktar diffiċli biex vettura ddur minn Triq Tas-Salib 'il fuq jew għal Triq Snajjin. Il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni li fil-post fejn indikata li ssir *pedestrian crossing*, teżisti entratura komuni għal numru ta' garaxxijiet.

4.2.4. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jġeded l-oġġezzjoni oriġinali li kien għamel.

### 4.3.1. Ipparkjar fi Triq it-Trill (T/3/2/Vol IX)

4.3.2. Saret referenza għal ittra datata 23 ta' Mejju 2012, mibgħuta mill-Avukat David Gatt f'isem resident, fejn ilmentat li resident ieħor qed jipparkja l-vettura b'tali mod li jinġombra l-aċċess għar-residenzi u ġaraxxijiet li hemm f'dik il-parti fejn it-triq hija fuq żewġ livelli.

4.3.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jgħaddi dan l-ilment lill-Uffiċjal Awtorizzat sabiex il-post jiġi ssorveljat mill-Gwardjani Lokali.

### 4.4.1. *Park-and-Ride* fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi / Triq il-Fortizza (P/5/8/Z)

4.4.2. Is-Sindku rrefera għad-deċiżjoni li ttieħdet fis-Seduta Nru. 67 dwar l-użu tal-wesgħa konfinanti minn Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, Triq Ħalq iċ-Ċawl u Triq il-Fortizza bħala *park-and-ride.* Is-Sur R. Cutajar aċċenna wkoll għal e-mail li huwa rċieva mit-Taqsima Propjeta` tal-Gvern li l-art tista' tingħata b'*encroachment* għal perjodu ta' sitt xhur, bil-possibilita` li jiġġedded sakemm il-pjanijiet dwarha jiġu finalizzati. Kemm-il darba jsir hekk, il-Kunsill jingħata żmien xahar, sakemm ma jkunx fil-perjodu tas-Sajf, sabiex iċedi l-okkupazzjoni tal-art, filwaqt li ma jkollu ebda dritt ta' kumpens għal flus imħallsa jew benefikati li jkunu saru fuqha.

4.4.3. Is-Sur R. Cutajar ikkummenta li din l-art tappartjeni lid-Dipartiment tal-Artijiet u jemmen li kemm-il darba tiġi żviluppata f'appartamenti, iż-żona tiġi aktar iffullata, filwaqt li attwalment jagħmel iktar jagħmel sens jekk tintuża bħala parkeġġ li jagħmel użu minnu min juża s-servizz tal-karozzi tal-linja.

4.4.4. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill kien tal-fehma, illi l-kundizzjonijiet dwar l-*encroachment* għandhom jiġu studjati aktar fil-fond, partikularment ir-rata annwali marbuta miegħu.

### 4.5.1. Faċilitajiet ta' ħatt u tagħbija qrib lukandi (T/3/2/Vol X)

4.5.2. Saret referenza għal żewġ ittri datati 15 ta' Mejju 2012 mibgħuta minn Sunsites, fejn talbu l-faċilitajiet imsemmija fi Triq Snajjin qrib il-Pergola Club Hotel, u fi Triq Ġorġ Borg Olivier, faċċata tas-Solana Hotel.

4.5.3. Il-Kunsill innota li l-Pergola Club Hotel diġa għandha faċilitajiet simili fi Triq Dun Franġisk Sciberras, filwaqt li fil-każ ta' Triq Ġorġ Borg Olivier, jeżistu *un/loading bays* fi tliet postijiet differenti għall-benefiċċju tal-kumunita` kummerċjali f'dik iż-żona.

### 4.6.1. Kaċċa ġewwa l-Park tal-Majjistral (A/4/10)

4.6.2. Is-Sindku aċċenna għal-laqgħa li saret bejn il-Bord tat-Tmexxija tal-Park tal-Majjistral li saret fil-25 ta' Mejju 2012, meta ġie trattat is-suġġett t'hawn fuq. Għal din il-laqgħa kienu mistiedna jattendu d-diriġenti mill-Federazzjoni Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti. Wara li l-Bord għarraf li d-diskussjoni interna fuq dan is-suġġett kienet ilha għaddejja tliet snin, u jidher li hemm qbil ġenerali li l-kaċċa u l-insib għandhom ikun ristretti għal qabel id-9.00am. Min-naha tagħhom l-FKNK qalu li huma kienu ressqu l-proposti tagħhom dwar din il-materja lill-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, xi ħaġa li l-Bord ma' kienx konxju tagħha. Dawn ġew imressqa verbalment mill-membri tal-FKNK preżenti waqt l-istess laqgħa billi kienu tilfu l-istess dokument li kien tressaq lill-Ministeru msemmi. Il-posizzjoni tal-FKNK ma ħarġitx ċara, partikularment minħabba l-fatt li d-diriġenti tagħha ħarġu 'il barra billi kkontendew li ma kienx hemm skop illi jibqgħu hemm, peress li d-deċiżjoni apparentament kienet diġa ttieħdet.

4.6.3. Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp.

### 4.7.1. Rijabilitazzjoni tal-Wied Ta' Għajn Żejtuna (S/2/Vol V)

4.7.2. Is-Sindku rrefera għal *e-mail* datat 19 ta' Mejju 2012, mibgħut mill-Għaqda tar-Residenti ta' Santa Marija Estate, fejn għarrfu lill-Kunsill illi fis-16 ta' Ġunju 2012 ser jitħawwlu numru ta' siġar indiġini wara li tneħħiet veġitazzjoni nvażiva fl-istess wied. Biex din il-vegitazzjoni titneħħa għal kollox huwa meħtieġ li jintuża *chipper* industrijali u l-materjal ġenerat jista' jitħalla fuq il-post jew jittieħed fil-Park tal-Familja, jew jinħażen biex jintuża aktar 'il quddiem.

4.7.3. Is-Sur R. Cutajar qal li saru kuntatti mat-Taqsima tal-PARKS biex jiġi pprovdut iċ-*chipper* u numru ta' siġar min-naħa tagħhom. Dan ser ikun possibbli, iżda jeħtieġ jiġi pprovdut it-trasport biex jinġarru ċ-*chippings*.

4.7.4. Is-Segretarju għarraf li l-Għaqda stiednet lill-Kunsill kollu għall-attivita` tas-16 ta' Ġunju 2012 fil-11.00am.

4.7.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.8.1. Skedar tal-Mitħna fi Triq il-Kbira (P/5/7)

4.8.2. Saret referenza għal ittra datata 15 ta' Mejju 2012, fejn il-MEPA għarrfet illi l-mitħna li tinsab biswit il-Ġnien tal-Pellegrini kienet ġiet skedata fi Grad 1, skont l-Artiklu 81 tal-Att 2010 dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp u l-*policy* UCO 7 tal-Pjan ta' Struttura għall-Gżejjer Maltin. Is-sid tal-istess proprjeta` ingħata sa tletin jum sabiex jissottometti talba ta' rikonsiderazzjoni lill-MEPA.

4.8.3. Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp.

### 4.9.1. Tfassil ta' dokument għall-komunita` dwar l-inkluzjoni ta' persuni b'dizabilita` (P/8/1/Vol II)

4.9.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għal *e-mail* datat 24 ta' Mejju 2012, mibgħut mill-Aġenzija Sapport fejn għarrfu li qed ifasslu dokument dwar l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilita` permezz tat-taghlim. L-aġenzija staqsiet dwar jekk il-Kunsill jorganizzax korsijiet fil-mużika, yoga jew fl-użu tal-kompjuter, li huma ntiżi biex jgħinu persuni b'diżabilita` jintegraw fl-istess komunita` fejn huma jgħixu.

4.9.3. Ġie deċiż li din il-proposta għandha tiġi mgħoddija lill-għaqdiet mużikali tal-Mellieħa, filwaqt li l-Kunsill jista' jgħati l-sehemu fl-użu tal-kompjuter.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 23 ta' Mejju 2012.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet Skeda ta' Pagamenti mitluba bejn il-5 u t-23 ta' Mejju 2012.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha inklużi fl-iskeda mressqa u għalhekk ġiet iffirmata. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku www.gov.mt.

## 7.1. Tħejjijiet għall-Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ u l-Iljieli Mellieħin 2012 (A/5/5/Vol IV)( A/5/3/5/Vol IV)(P/10/18)

7.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg għarraf li ssejħet laqgħa għall-għaqdiet li normalment jieħdu sehem fil-Festa ta' San Ġwann – l-Għaqda Mużikali Imperial, is-Societa` Filarmonica La Vittoria, l-Għaqda Korali u Orkestrali Marija Bambina u l-Ladies Craft Circle. Filwaqt li l-kontribut taż-żewġ baned ser ikun wieħed mużikali, l-Orkestra ser jieħdu ħsieb il-kostumi u l-kordinazzjoni tal-purċissjoni tal-bandu, il-membri tal-Ladies Craft Circle ser ikunu qed jagħmlu xogħol ta' artiġġjanat fil-pjazza.

7.3. Kien miftiehem li l-ħlas għas-servizzi dawn it-tliet għaqdiet mużikali jkun ta' €300 kull wieħed. Ġie stabbilit li l-attivita` issir nhar il-Ħamis 21 ta' Ġunju 2012, bejn is-7.00pm u l-9.45pm.

7.4. Sabiex Triq Ġorġ Borg Olivier titħalla miftuħa għat-traffiku fid-dawl tax-xogħlijiet li għaddejjin f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa, ġie propost li l-bandu jibda minn Triq Sant' Anna, jdur għal Triq il-Parroċċa u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa, fejn tinxtegħel il-ħuġġieġa tradizzjonali. Is-Sur Buttigieg issuġġerixxa li jkun hemm żfin folkloristiku mill-grupp Għawdxi bl-isem ta' Kummittiva, li jinvolvi spiża ta' €300 u jeħtieġ li l-Kunsill jipprovdilu l-trasport bejn iċ-Ċirkewwa u l-Mellieħa. L-attivita` tista' tiġi ppreżentata minn Dr Michael Buhagiar, filwaqt il-*banditore* jkun is-Sur Jesmond Fenech.

7.5. Is-Sindku ppropona li jitwaħħa poster mal-*billboard* li hemm fit-Telgħa ta' Selmun u jsir riklam ta' terz ta' paġna fil-ġurnal Malta Today, li jinvolvu spiża ta' €100 u €360, rispettivament. Issuġġerixxa wkoll li jitqassmu posters fil-lukandi tal-Mellieħa u fl-Iskola Primarja.

7.6. Il-Kunsillier J. Buttigieg ippropona li l-parteċipanti illi ser jagħtu l-kontribut tagħhom mingħajr ħlas jingħataw tifkira tal-okkażjoni.

7.7. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa dwar il-Festa ta' San Ġwann.

7.8. Dwar l-Iljieli Mellieħin 2012, is-Sindku ppropona li tiġi nkluża attivita' mtellgħa mill-JP2 Foundation biex tikkommemora ż-żjara li kien għamel il-Papa Ġwanni Pawlu II f'Malta fl-1990. Ippropona wkoll li ssir wirja ta' xogħlijiet tal-pittur Ġoerge Fenech fil-garaxx tal-Parroċċa f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, minflok fil-Kmamar tas-Santwarju li ġew iċċertifikati li huma fi stat perikoluż. Huwa qal li dan il-garaxx jeħtieġ li jitnaddaf u jitbajjad biex jintuża għal dan il-għan. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li kellu kuntatti mas-Sur Wolfgang Raach li lest illi jtellgħa *re-enactment* tal-Assedju l-Kbir. Qed jiġu wkoll ippjanati logħob taħt diversi dixxiplini sportivi li jista' jiġi ffinanzjat permezz tal-fondi mogħtija taħt l-Iskema Attivitajiet Sportivi, illi għaliha ġew allokati €837. Huwa kompla jgħid li sar kuntatt maż-żewġ baned sabiex il-pjancieri rispettivi użati fil-Festa tal-Vitorja, jintramaw ftit aktar tard mis-soltu sabiex ma jonqosx l-ispażju f'Misraħ il-Parroċċa.

7.9. Il-Kunsill ġie mgħarraf illi l-applikazzjoni li saret sabiex tiġi ffinanzjata il-parteċipazzjoni tal-lokalitajiet ġemellati ta' Adenau, Cavriglia u Agia Napa, taħt il-programm *Europe for Citizens* tal-Unjoni Ewropea, ma kinitx ġiet aċċettata. Huwa ppropona li din l-inizjattiva sseħħ xorta waħda permezz tal-fondi li l-Kunsill ivvota għall-ġemellaġġi (Vot 3800). Filwaqt li t-titjiriet jitħallsu mill-parteċipanti, l-alloġġjar jagħmel tajjeb għalih il-Kunsill u jiġi pprovdut f'appartamenti *self-catering* fil-Mellieħa stess. Is-Sur R. Cutajar qal li saru kuntatti dwar dan u rriżulta li appartament reġistrat għall-kiri f'Ta' Masrija għal seba' persuni għal erba' iljieli tinvolvi spiża ta' €400. Appartament ieħor f'Mellieħa Heights jinvolvi spiża ta' €570 għal sitt persuni. Appartament ieħor fl-istess żona u numru ta' persuni ġie kkwotat €360. Huwa kkummenta li f'Awwissu, ikun diffiċli li jinstabu kmamar fil-lukandi, filwaqt li l-prezzijiet jkunu ferm għola.

7.10. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa fir-rigward tal-Iljieli Mellieħin 2012.

**8.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Hilary Fenech illi tgħid:**

**"Billi saret sejħa għall-offerti (8/2011) skont l-artiklu 40 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u r-Regolamenti dwar Offerti lill-Kunsilli Lokali - Avviż Legali 255 tal-2009, bil-għan li tiġi fornuta u nstallata sistema ta' *closed circuit television* fi Ġnien il-Qigħan, Triq Qasam Barrani;**

**Billi l-offerti li ġew sottomessi sad-data tal-għeluq ġew evalwati mill-*Tender Adjudication Board,* wara li sar rapport tekniku mill-inġinier inkarigat mill-proġett, skont kif jidher fil-minuti tal-istess Bord tat-12 ta' Mejju 2012;**

**Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2012 hemm ivvutata somma biżżejjed sabiex tkopri l-proġett imsemmi (Vot 7525);**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-kumpanija Eagle Security Systems Ltd, skont ir-rati ndikati fis-sottomissjonijiet li saru mill-istess offerent. ". (P/2/1)**

8.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier C. Bartolo.

**9.1. Rendikont Finanzjarju – Jannar / Marzu 2012 (F/1/1/Vol II)**

9.2. Is-Segretarju rrefera għar-rendikont li tqassam lill-Kunsillieri qabel is-seduta u kopja tiegħu ġiet mehmuża ma' dawn il-minuti.

9.3. Billi ma kienx hemm mistoqsijiet dwar dan id-dokument, il-Kunsill iddeċieda li għandu jiġi ppubblikat fis-sit elettroniku www.gov.mt kif ukoll mgħoddi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

**10.1. Agia Napa Festival (K/1/5/4)**

10.2. Is-Sindku għarraf li ġiet imġedda l-istedina mill-Kunsill Lokali ta' Agia Napa għall-Festival li jsir ta' kull sena, u l-edizzjoni tiegħu li jmiss ser isir fid-28 u t-30 ta' Settembru 2012. Filwaqt li bħal edizzjonijiet oħra, fl-istess okkażjoni ser jittellgħa *stand* b'informazzjoni dwar il-Mellieħa. Huwa ppropona li l-grupp mill-Mellieħa jkun jikkonsisti fil-pittur Jonvic Borg u persuni nvoluti fl-artiġġjanat bħal Carmen Sammut. Ir-raġuni kienet li matul l-aħħar erba' snin telgħu aktar minn 400 persuna fi żjajar simili barra minn Malta u allura jkun jagħmel sens li jitilgħu nies ġodda, li joffru s-servizzi tagħhom bla ħlas waqt l-attivitajiet tal-Kunsill.

10.3. Il-Kunsill qabel mal-proposti mressqa.

**11.1. Nuqqasijiet fis-servizz tal-ġbir tal-iskart organiku (K/6/1/Vol V)**

11.2. Is-Sindku għarraf li qed ikun hemm diversi lmenti minn residenti dwar it-tixtrid ta' likwidu mill-vetturi wżati għall-ġbir tal-iskart organiku mħaddma minn Velljo Services. Huwa qal li dan in-nuqqas mhux aċċettabbli u nġieb għall-attenzjoni tas-Sur Joseph Vella, operatur ta' Velljo Services. Rapporti simili kienu saru fil-passat riċenti.

11.3. Is-Segretarju kkummenta li l-aktar mod effettiv biex jiġu eliminati dawn ir-rapporti, huwa li inginier mekkaniku jispezzjona l-vetturi nvoluti biex jiġi żgurat li dawn mhumiex difettuzi jew b'xi mod traskurati.

11.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta mressaq skont il-minuta 11.3.

**12.1. Kontravvenzjonijiet registrati fl-2012 (W/3/Vol XI)**

12.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo qal li n-numru ta' kontravvenzjonijiet li ġew registrati fil-Mellieħa, bejn Jannar u April, kien sodisfaċenti meta jittieħed fuq in-numru ta' siegħat allokati mill-Kumitat Reġjonali. Dan jirriżulta wkoll meta jitqabbel mal-għola rata reġistrata fir-reġjun – dik ta' San Pawl il-Baħar, kif jidher hawn taħt:

| | Siegħat | Numru ta' *tickets* | Medja Mellieħa | Medja San Pawl il Baħar |
|---|---|---|---|---|
| Jannar | 105.5 | 151 | 1.43 | 1.62 |
| Frar | 104.5 | 159 | 1.52 | 1.37 |
| Marzu | 107.5 | 123 | 1.14 | 1.28 |
| April | 112.0 | 240 | 2.14 | 2.17 |

12.3. Is-Sur E. Bartolo aċċenna wkoll li qed ikun hemm sagħtejn kull xhar allokati għall-Mellieħa fir-rigward tal-*Green Wardens*.

12.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fl-10.00 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 18 ta' Ġunju 2012, fis-7.30pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**